MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 34/2012

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponenti gie ammess ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali;

2. Illi peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom fit-tletin (30) ta’ April tas-sena elf disa’ mija wiehed u disghin (1991) fil-knisja ta’ Saint Andrews, Ghajn Dwieli, Paola, u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg (anness u mmarkat bhala Dok A);
3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, u cioe’ Althea B, li illum hi maggorenni, Melissa B li illum ghandha sbatax (17) il-sena u kwindi ghadha minorenni, u Josue B li huwa ukoll minorenni u li ghandu tnax (12) il-sena;
4. Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet konjugi B ma ghadhiex aktar possibli minhabba adulterju da parti tal-konvenuta u b’hekk iz-zwieg taghhom tfarrak b’mod irrimedjabbli, u l-hajja konjugali saret impossibli;
5. Illi r-rikorrenti ghamel diversi tentattivi ta’ rikonciljazzjoni izda dawn ma tawx frott minhabba l-intransigenza tal-konvenuta;
6. Illi l-partijiet naqsu ukoll milli jaslu ghal separazzjoni bonarja bejniethom, u ghaldaqstant ir-rikorrent kellu jintavola dawn il-proceduri;
7. Illi l-attur gie debitament awtorizzat minn dina il-Qorti sabiex jipprocedi b’din il-kawza u dan skont l-istess digriet moghti minn din l-istess Qorti datat ghaxra (10) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) (Ara Dok B anness);
8. Illi l-attur jaf b’dawn il-fatti personalment;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi minhabba adulterju da parti tal-konvenuta C B fuq zewgha A B;
2. Tafda il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Melissa B u Josue B f’idejn l-attur;
3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur ghalih u ghall-imsemmija tfal minuri dik ir-retta alimentarja li din il-Qorti joghgobha tiffissa skont il-bzonnijiet tal-attur u l-imsemmija tfal minuri u skont l-mezzi tal-konvenuta, liema retta tkun pagabbli fil-jum u hin li din il-Qorti joghgobha tiffissa;
4. Ixxolji l-kommunjoni tal-akkwisti ta’ bejn iz-zewg partijiet u tillikwida u taqsam l-istess kommunjoni f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati porzjon wiehed lill-attur u l-iehor lill-konvenuta, okkorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrappezenta l-kontumaci fl-istess att;
5. Tikkundanna lill-konvenuta tirritorna lill-attur l-assi parafernali kollha tieghu;

6. Tapplika kontra l-konvenuta is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;
7. Tawtorizza lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok l-intimata tirrileva li kunjomha huwa B u mhux Borg kif erronjament indikat fl-okkju tar-rikors guramentat u ghalhekk jehtieg li ssir id-debita korrezzjoni;
2. Illi l-esponenti taqbel illi din il-Qorti ghandha tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, pero' dan b'ebda htija tal-esponenti li ssostni li l-allegazzjoni li hija kommetiet adulterju hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt. Illi il-htija ghas-separazzjoni hija unikament tar-rikorrenti, minhabba li huwa rrenda ruhu hati fil-konfront tal-esponenti ta' eccessi, sevizzi u theddid, swat u tghajjir u adulterju kif wkoll minhabba inkompatibilita ta karattru. Illi minhabba l-agir tar-rikorrenti, l-esponenti giet kostretta tallontana ruhha mid-dar matrimonjali;
3. Illi rigward il-kura u l-kustodja tal-minuri, l-esponenti qed topponi illi din tigi fdata f'idejn l-attur peress illi m'hemm ebda raguni ghalfejn ghandu jsir dan u ma huwiex fl-interess tal-istess minuri li l-kura u l-kutodja taghhom tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti, aktar u aktar meta dan qed jghix ma mara ohra flimkien ma uliedha;
4. Illi stante li l-kura u l-kustodja tal-minuri ma ghandix tigi fdata lir-rikorrenti, l-esponenti ma ghandix ghalfejn tigi ikkundanata thallas lir-rikorrenti xi manteniment ghall-minuri, u ghal dak li jirrigwarda hlas ta' manteniment ghar-rikorrenti stess, stante li r-rikorrenti huwa responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg, l-esponenti ma ghandix tigi kkundannata thallas xi manteniment ghalih;
5. Illi l-esponenti ma topponix ghar-raba talba tar-rikorrenti;

6. Illi sa taf l-esponenti ma hemm ebda proprjeta parafernali tar-rikorrenti, pero hija ma ghandha ebda oggezzjoni li tikkonsenja tali proprjeta jekk din tezisti;
7. Illi ma jesistux l-elementi necessarji sabiex jigu applikati fil-konfront tal-esponenti id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk is-sitt talba ghandha tigi michuda;
8. Illi l-esponenti ma ghandha ebda oggezzjoni ghas-seba talba tal-attrici;

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz taghha ippremettiet:

1. Illi il-partijiet izzewgu fit-30 ta’ April 1991;
2. Illi il-hajja konjugali ta’ bejn il-kontedenti m’ghadhiex aktar possibli minhabba f’sevizzi, theddid u ingurji gravi, swat u adulterju da parti tar-rikorrenti rikonvenzjonat, kif ukoll minhabba f’inkompatibilita ta’ karattru;
3. Illi minhabba l-atteggjament tar-rikorrenti rikonvenzjonat, l-intimata rikonvenzjonati giet kostretta tallontana ruhha mid-dar matrimonjali;
4. Illi iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;
5. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom tlett ulied, wiehed minnhom Josue ghandu 12 il-sena;
6. Illi il-fatti hawn fuq dikjarati tafhom hi personalment;

Talbet in vista tal-premess li l-attur jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba li iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment minhabba htija jew htijiet imputabbli lir-rikorrenti rikonvenzjonat, billi huwa rrenda ruhu hati fil-konfront taghha ta’ sevizzi, theddid u ingurji

gravi, swat u adulterju, kif ukoll minhabba f'inkompatibilita ta' karattru, u tawtorizza lill-esponenti tghix separata minn ma zewgha;
2. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri imsemmi tigi fdata f'idejn l-esponenti;
3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attrici ghaliha u ghall-wild minuri imsemmi retta alimentarja f'dak l-ammont u taht dawk il-modalitajiet li jidhrilha xierqa;
4. Tiddikjara xolta u terminata il-komunjoni tal-akkwisti esiztenti bejn il-kontendenti u tillwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tordna li l-oggetti formanti l-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi stabilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat u dan okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba bl-opera ta' periti nominandi;
5. Tordna li l-beni dotali u parafernali tal-esponenti jigu assenjati lilha;
6. Tordna id-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif mahsub fl-artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez tal-presenti, kontra l-intimat rikonvenzjonat ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat ir-risposta guramenata tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi huwa jaqbel li hemm lok li kunjom il-konvenuta ghandu jkun 'B' u mhux kif erronjament gie mnizzel 'Borg'.  Dan kien purament zball ta' typing u ghandha ssir korrezzjoni opportuna;
2. Illi ghalhekk huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejn il-kontendenti, dan pero' gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenuta rikonvenzjonanta hekk kif indikat fir-rikors guramentat tal-esponenti.  Di fatti l-eccipjenti qieghed ghall-darba ohra jirreferi ghal u jikkonferma dak kollu minnu dikjarat u mitlub fir-rikors

guramentat tieghu u jtenni illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet konjugi B spiccat minhabba adulterju da parti tal-konvenuta u b'hekk iz-zwieg taghhom tfarrak b'mod irrimedjabbli u kwindi l-kawzali u talbiet imsemmija fil-kontro-talba tal-konventua huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda in toto;

3. Illi ghalhekk m'ghandux l-attur jinstab hati li kkawza s-separazzjoni in kwistjoni anzi hija l-konvenuta li ghandha tinstab hekk hatja;
4. Illi minhabba li l-attur m'ghandux tort, m'ghandhom jigu applikati l-ebda wahda mis-sanzjonijiet komminati mill-artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 fil-konfront tieghu izda fil-konfront tal-konvenuta kif mitlub fir-rikors guramentat;
5. Illi t-talba ghall-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha tkun deciza fis-sens illi l-komunjoni tal-akkwisit ezistenti bejn il-kontendenti ghandha tigi maqsuma f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl illi l-intimata hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u assenjata in kwantu porzjon lir-rikorrenti u porzjon lill-intimata ope sententiam;
6. Illi t-talba ghar-restituzzjoni tal-beni parafernali hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur m'ghandu ebda beni parafernali tal-konvenuta;
7. Illi t-talba sabiex il-kura u kustodja tat-tfal tigi fdata lill-konvenuta hija opposta peress li hi nfondata fil-fatt u fid-dritt;
8. Illi t-talba ghall-hlas tal-manteniment hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi kwantu ghall-konvenuta din iddekadiet minn tali dritt u di piu dato ma non concesso kapaci u tista tahdem u tipprovdi ghaliha nnifisha u kwantu ghat-tfal hija l-konvenuta li trid thallas manteniment lill-attur;
9. Illi salv kif hawn fuq premess, it-talbiet in rikonvenzjoni huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;
10. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti ossia eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta rikonvenzjonanta;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur ;

Semghet lix-xhieda illi tresqu;

Rad id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' cessjoni tal-attur tal-20 ta' Settembru 2013;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet fejn l-attur ceda t-talbiet tieghu permezz ta' nota ta' cessjoni datata l-20 ta' Settembru 2013[1] u konsegwentement, il-Qorti ser tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi dwar il-kontro-talba mressqa mill-intimata.

**<u>Il-VERZJONI TAL-ATTUR</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[2] l-attur jghid li ghall-ewwel tliet snin taz-zwieg kollox kien sew bejniethom izda mbaghad il-konvenuta bdiet titlef l-interess fih. Jghid li kien jipprova jkun intimu maghha izda kienet tirrifjutah u kienet tohrog, issemmi post li ser tkun, izda kien jiskopri li ma kienitx tkun verament hemmhekk ghaliex kien imur ifittixha u ma jsibhiex. Jghid li ssuspetta li kellha lil haddiehor (ghalkemm jispjegaha b'mod iehor) u meta kkonfrontaha dwar is-suspett li kellu, l-intimata telqet mid-dar biex marret tghix f'post verament vicin id-dar matrimonjali.

---

[1] Ara a fol 55 tal-process

[2] Esebit a fol 47 tal-process li hu bil-lingwa Ingliza

Ghajtet li t-tfal mhux tieghu u halliet lit-tfal warajha. Ammettiet li kellha relazzjoni adultera ghal zmien twil. Issetiljat fl-appartament taghha u darba fost l-ohrajn, l-attur qal lit-tifel Josue, biex icempel lil ommu biex jara jekk setghetx izzommu peress li kien hiereg. L-intimata qalet li setghet anke traqqdu maghha. L-ulied l-ohra kienu Ghawdex. Jghid li nqalghu l-problemi meta l-wild Anthea qaltlu biex imur ghal Josue, peress li l-intimata halliet lill-wild Josue barra ghaliex riedet torqod peress li l-ghada kienet xoghol. Josue spicca biex raqad ghand l-intimata ghalkemm l-ghada Josue spjega lil missieru li ommu ma riditux joqghod ghandha u baghtitu jfittxu. Jghid li l-intimata rrappurtatu mad-dipartiment tas-sigurta' socjali u kellhom jghaddu gimghatejn qabel ma rranga kollox. Jghid li offra ftehim ghal separazzjoni bonarja, nofs id-dar u *children's allowance* imma xorta l-konvenuta trid aktar. Jaghlaq billi jghid li kull ma jrid hu li jghix fil-kwiet u jkun separat.

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM IL-QORTI

Il-qorti tirrileva li jirrizulta li l-partijiet izzewgu nhar it-30 ta' April 1991[3]. Apparti tali certifikat taz-zwieg u l-affidavit tal-attur, il-partijiet ma ressqu ebda prova ta' xejn. La tezisti prova dwar id-dar matrimonjali (meta nxtrat u jekk din hijiex formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jew le) u ma tressqu ebda provi dwar l-allegazzjonijiet li jsemmi l-istess partijiet (b'dan li l-attur isemmihom fl-affidavit tieghu filwaqt li l-intimata ssemmihom fir-rikorsi intavolati kif ukoll fir-risposta guramentata taghha u fil-kontro-talba.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

[3] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 6 tal-process

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Il-qorti, wara li rat kemm l-affidavit tal-attur kif ukoll id-dikjarazzjonijiet li taghmel l-intimata permezz tar-rikors guramentat taghha, hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment (anke in vista tal-fatt li ghaddew is-snin minn mindu l-intimata telqet mid-dar matrimonjali) u konsegwentement hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. L-attur jghid li z-zwieg tkisser minhabba l-fatt li l-intimata tilfet l-interess fih u bdiet relazzjoni ma' terza persuna. Min-naha l-ohra, l-intimata tiddikjara li telqet mid-dar minhabba l-agir aggressiv da parti ta' zewgha u tipprezenta certifikat mediku ta' griehi ta' natura hafifa, pero' l-istess certifikat ma jsemmi xejn dwar l-allegati griehi. Il-Qorti la hija konvinta mill-allegat adulterju tal-intimata u lanqas hija konvinta mill-allegat agir aggressiv tal-attur. Hija konvinta pero' li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u ghalhekk, fid-dawl ta' dan, il-qorti tirrileva li m'ghandha ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

## DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI

Il-qorti tirrileva li frott taz-zwieg bejn il-partijiet twieldu tliet ulied u cioe' Althea u Melissa B li huma maggorenni u Josue li ghadu minuri.

Il-Qorti tirrileva li t-talba ta' kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri. Kif diga' kellha l-opportunita' li ssemmi, l-Qorti tirrileva li l-kawza odjerna hija xotta ferm

kwantu ghall-provi prodotti. Jidher li l-partijiet ma kellhomx interess li jressqu l-provi u dan iwassal il-qorti ghal diffikulta' dwar x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Jigi rilevat li mill-affidavit tal-attur jirrizultaw allegazzjonijiet fil-konfront tal-intimata fis-sens li l-istess intimata halliet lill-minuri waħdu barra ghalkemm l-attur jghid li l-istess minuri spicca biex raqad ghand l-istess intimata. Mir-rikors tal-istess intimata, fejn talbet ordni ta' manteniment *pendente lite,* jidher li l-istess minuri qieghed jghix mal-istess intimata. *Stante* li l-attur ceda t-talbiet tieghu (u li konsegwentement ceda t-talba tieghu sabiex jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri) u *stante* li l-istess attur ma ressaq ebda prova konkreta li tista' twassal lil din il-qorti ghal konkluzjoni li mhux fl-ahjar interessi tal-minuri li dan tal-ahhar jibqa' jghix ma' ommu, l-qorti hija moralment konvinta li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-intimata tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri Josue. Dan anke in vista tal-fatt li l-minuri ilu jghix ma' ommu u ghalhekk irid ikun hemm raguni valida ghaliex r-rutina tal-minuri ghandha tigi mibdula.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI</u>**

L-intimata qieghda titlob manteniment ghaliha personalment. Il-Qorti pero' m'hijiex sodisfatta li l-intimata ghad ghandha d-dritt li titlob il-manteniment minghand zewgha (li fuq kollox ukoll m'ghandux introjtu tajjeb *stante* li jircievi ghajnuna socjali ta' €113.49 fil-gimgha[4]) u dan *stante* li l-partijiet ma rnexxielhomx jippruvaw x'kienet ir-raguni ghaliex l-istess intimata telqet mid-dar matrimonjali. Ghalhekk fic-cirkustanzi, l-qorti ma thossx li huwa ekwu u gust li l-attur jigi kundannat ihallas manteniment lil martu *stante* li kienet l-intimata stess li naqset milli taghmel prova tal-allegazzjonijiet li ggib fil-konfront ta' zewgha dwar x'kienet ir-raguni ghaliex telqet mid-dar.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAL HLAS TA' MANTENIMENT GHALL-MINURI</u>**

[4] Ara a fol 67 tal-process

Il-qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li r-responsabbilita' tal-minuri waqghet fuq l-intimata. F'dan il-kuntest il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[5]u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[6] fejn saret referenza ghal:

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u

[5]Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)

[6] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20.

Il-qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri, izda huwa obbligu assolut. Pero’ l-introjtu tal-istess partijiet huwa indikattiv kwantu ghall-ammont li l-istess partijiet ikunu jistghu jikkontribwixxu ghal uliedhom.

F’dan l-istadju l-qorti taghmel referenza ghar-rikors tal-attrici datat il-21 ta’ Ottubru 2013[7] fejn fost talbiet ohrajn, talbet manteniment *pendente lite* ghall-minuri Josue da parti tal-intimat wara li ddikjarat li d-dhul primarju taghha huwa l-hlas tal-beneficcju tal-ghajnuna socjali fl-ammont

[7] Esebit a fol 57 tal-process

ta’ madwar €500 kull erba’ gimghat flimkien ma’ paga ta’ €150 fix-xahar minn xoghol li taghmel darbtejn fil-gimgha bhala *careworker*. Mid-dokument anness mar-risposta ghar-rikors imsemmi, l-attur juri x’introjtu kellu bejn is-sena 2012 u s-sena 2013 b’dan li l-istess dokument juri wkoll li l-attur, kien qed jircievi s-somma ta’ €113.49 fil-gimgha[8]. Imbaghad permezz ta’ digriet datat il-5 ta’ Novembru 2013[9] il-qorti ordnat lill-attur ihallas is-somma ta’ €200 fix-xahar bhala manteniment ghal ibnu minuri, liema ammont jinkludi wkoll nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri Josue.

Tenut kont ta’ dan u tenut kont tal-fatt li z-zewg partijiet jghixu fuq il-beneficcji socjali, l-qorti thoss li d-digriet taghha ta’ Novembru 2013 ghandu jigi konfermat u konsegwentement, l-attur ghandu jhallas is-somma ta’ €200 fix-xahar bhala manteniment ghal ibnu minuri, liema ammont jinkludi wkoll nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri Josue.

## DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

Il-qorti tirrileva li l-partijiet naqsu milli jressqu prova dwar l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Huwa minnu li l-intimata tressaq it-talba taghha sabiex jigi nominat perit bil-ghan li ssir valutazzjoni tad-dar matrimonjali u cioe’ l-fond bl-indirizz bin-numru tmienja (8), Flat 3, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, L-Isla, b’dan li l-istess qorti nnominat ghal dan il-ghan lill-Perit Tancred Mifsud[10] izda jidher li tali inkarigu qatt ma gie espletat u li *di piu’* l-intimata ma rsistietx sabiex tali Perit jaghmel dak ordnat lilu. Fid-dawl ta’ dan kollu u fid-dawl tal-fatt li ghall-anqas il-fatt li d-dar matrimonjali hija formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti mhux ikkontestat mill-attur, il-qorti thoss li fic-cirkustanzi tali fond ghandu jinbiegh b’dan li r-rikavat ghandu jinqasam kwantu ghal nofs kull wiehed.

---

[8] Ara Dok. B esebit a fol 67 tal-process

[9] Esebit a fol 71 tal-process

[10] Ara d-digriet tal-Qorti datata it-30 ta’ Ġunju 2014 esebit a fol 44 tal-process

**DWAR L-ASSI PARAFERNALI TAR-RIKORRENTI**

Il-qorti tirrileva li dwar tali talba m'hemm ebda prova dwar x'seta' kienu l-assi parafernali tal-istess rikorrenti u ghalhekk, fin-nuqqas ta' tali prova, il-qorti bl-ebda mod ma tista' tilqa' din it-talba.

**DWAR ID-DEKADENZA TAL-INTIMAT**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

L-Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu".

Il-qorti, tirrileva li kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq, ma tressqux provi dwar ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg u konsegwentement il-qorti m'hijiex f'posizzjoni li tapplika l-artikoli msemmija fil-konfront tal-attur.

**<u>DECIDE</u>**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tastjeni mit-talbiet kollha attrici *stante* c-cessjoni da parti tieghu, u kwantu ghall-kontro-talba mressqa mill-konvenuta tiddisponi minnha skont li gej:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

[2] Tilqa' t-tieni talba;

[3] Tilqa' it-tielet talba limitatament kwantu ghall-manteniment favur il-minuri u konsegwentement tordna lill-intimat ihallas is-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment ghal ibnu Josue, liema manteniment jinkludi fih nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri u ghandu jinqata' direttament mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Il-manteniment dovut ghall-minuri ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jibda jahdem fuq bazi *full-time* jew sakemm jaghlaq l-eta' ta' tmintax (18) –il sena skond l-eventwalita' li ssehh l-ewwel. F'kaz li l-minuri, wara li jaghlaq l-eta' ta' tmintax (18) –il sena jkun qed jistudja fuq bazi *full-time* allura l-istess manteniment ghandu jibqa' dovut jew sakemm il-wild

jaghlaq l-eta’ massima ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm l-istess wild ma jibqax jistudja fuq bazi *full-time* skond liema eventwalita’ ssehh l-ewwel.

[4] Tilqa’ r-raba’ talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet bil-mod kif spjegat fil-paragrafu intitolat ‘Dwar it-Talba ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti’;

[5] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames talba;

[6] Tichad is-sitt talba.

Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------